MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 317/2011

**Jennyvie Antiproda Bartolome flimkien ma' Joescepcion Alterado Edu**

**vs**

**Elena Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur pprezentat mill-atturi fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Settembru 2011 fejn talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma komplessiva ta' disat elef, erba' mija u erbgha u tletin euro u disgha u tmenin centesmu (€9,434.89) rapprezentanti somma flus imhalsa minnhom lilha fit-23 ta' Frar 2005 versu l-prestazzjoni ta' servizzi specifikat u liema somma flus giet minnha indebitament approprjata.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 3 u 22 ta' Gunju 2011 u bl-imghax fuq l-ammonti dovuti

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Novembru 2011 fejn eccepiet:

*1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*
*2. Illi in linea preliminari il-pretensjoni ta' l-atturi huma preskritti bit-trapass ta' hames snin u dan ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*3. Illi se mai in pessima ipotesi l-eccipjenti kienet il-mandatarja ta' l-atturi mandanti u fuq struzzjonijiet taghhom kienet marret l-Italja sabiex taffettwa t-transazzjoni u thallas il-flus lis-sinjuri Razel Sacsac, Julie Mar Sacsac u Jocelyn Obra Sacsac liema fondi hi ghadditilhom sabiex jutilizzawhom biex jaslu pajjizna u ghalhekk il-mandat taghha hu ormai esplatat.*
*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-ligi"*

**Elena Falzon** xehdet nhar it-18 ta' Jannar 2012 u kkonfermat li fis-sena 2005 kienet irceviet is-somma ta' tlett elef liri Maltin (LM3,000) sabiex tghaddihom lil xi nies li kienu jghixu gewwa l-Italja, Messina maghrufa b'kunjom Sacsac. Il-flus gew irtirati minnha minghand il- Western Union. Il-persuna li baghatet dawn il-flus kienet Jennyvie Antiproda. Ghaliex Jennyvie ghazlet li tibghat il-flus lilha biex tghaddihom lil-Razel Sacsac, Julie Mar Sacsac u Jocelyn Obra Sacsac ma tafx. Il-kommunikazzjoni taghha kienet biss ma' Razel Sacsac, Julie Mar Sacsac u Jocelyn Obra Sacsac, u lill-attrici qatt ma kelmitha dwar din il-pendenza u taf li Razel Sacsac, Julie Mar Sacsac u Jocelyn Obra Sacsac kienu talbuha biex tigbor dawn il-flus mill-Western Union u tghaddihom lilhom. U skond ma qalulha il-familja Sacsac, huma ma kellhomx access biex jircievu flus gewwa l-Italja. Jocelyn Obra hija n-neputija tas-*sister in-law* taghha. Ilha taf lil familja Sacsac mis-sena 2003. Ikkonfermat li l-flus irtirathom mill-Western Union u marret bihom Sqallija u taghthom lilhom. X'relazzjoni kien hemm bejn l-atturi f'din il-kawza u il-familja Sacsac wiegbet li ma tafx. Mistoqsija jekk

ghandhiex ircevuta tal-Western Union fuqha qalet li ma ghandhiex.

**Ronald Cilia** xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u qal li huwa gie mqabbad sabiex jaghmel ricerka dwar transazzjoni li saret tramite Western Union fuq flus li setghet irceviet Elena Falzon ID Card No. 491882 u mir-ricerka li ghamel mill-1 ta' Jannar 2008 sas-7 ta' Frar 2012 saru seba' tranzazzjonijiet fejn Elena Falzon irceviet xi flejjes, erba' minn dawn it-tranzazzjonijiet huma flus mibghuta lilha mill-Italja, wahda mill-Libya, wahda mill-America u wahda mill-Filippini. Mistoqsi jekk ghamilx verifika dwar il-flejjes li setghet irceviet fis-sena 2005 mill-Filippini tenna li mieghu ma kellux din l-informazzjoni ghaliex ma giex mitlub jaghmel hekk.

**Ronald Cilia** rega' xehed nhar id-29 ta' Marzu 2012 ghal darb'ohra ghan-nom u raprezentanza tas-socjeta' Western Union. Huwa ghamel ricerka f'isem Elena Falzon u dan ghal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 sad 29 ta' Frar ta' din is-sena, 2012 dwar flejjes li irceviet. Ikkonferma li kienet irceviet flejjes mill-Filipppini f'erbatax-il okkazjoni, mbaghad irceviet ghaxar pagamenti ohra minn pajjizi ohrajn. Mistoqsi jekk jirizultalux min effettivament baghat il-flus lil Elena Falzon, wiegeb li skont id-dokumentazzjoni li ghandu u li qed jesebixxi iva jirrizulta. Fil-fatt mid-dokumentazzjoni li ghandu, il-persuni li huma kollha differenti. Huwa esebixxa kopja ta' din id-dokumentazzjoni li giet immarkata bhala Dok CSH.

**Elena Falzon** xehdet fit-22 ta' Novembru 2012 fejn meta giet mistoqsija jekk ircevietx is-somma ta' €9,434.89, qalet li iva rcevietha, pero' kellha struzzjonijiet li dawn il-flus, liema struzzjonijiet gew ghandha minn Messina, kellha tghaddihom lil xi hadd Sacsac, u hi hekk ghamlet. Mistoqsija jekk tiftakarx meta rceviet il-flus qalet li tahseb li kien cirka sena 2005. Mistoqsija jekk kinitx taf fejn l-atturi kienu qed jghixu dak iz-zmien, jigifieri meta hi rceviet il-flus, qalet li minn dik il-persuna li tghix Messina semghet li fil-fatt l-atturi kien qeghdin il-Filippini. Mr Sacsac qalilha li huwa kellu jircievi xi flejjes mill-Filippini u ma setghax jircievihom gewwa Sqallija u allura talabha biex tircevihom

hi u tghaddihomlu, u hi hekk ghamlet. Fil-fatt hi l-flus ghaddiethom lil Sacsac, fi Sqallija xi gimghatejn wara li kienet irceviethom. Dan ghaliex kellha taghmel kuntatt maghhom u tgharrafhom li l-flus kienu waslu Malta. Hija pero' f'dak iz-zmien ma kellhiex kuntatt mal-atturi, u dan peress li ma tafhomx. Hija sostniet li lil Sacsac biss kienet taf.

Hija stqarret li ma tiftakarx jekk effettivament l-attrici kienetx cemplitilha. Hi ma kellhiex ghalfejn tikkomunika mal-atturi, ghax kellha tikkomunika biss ma' Sacsac ghaliex il-kuntatt taghha kien ma' Sacsac. Hija spjegat li fil-fatt hija l-flus mbaghad sarfithom f'Liri Taljani u marret Sqallija bihom. Hija fil-fatt kienet sarfithom hawn Malta, fuq l-idejn. Jennyvie ma' gietx Malta bil-ghajnuna tax-xhud. Hija stqarret li Sacsac kien weghdha jew ahjar kien qalilha li kien ser jaghtiha ricevuta tal-hlas, pero' huma kienu qed jitkellmu bejniethom u effettivament ma taghhiex u hija nsiet tistaqsih ghaliha.

Rat l-affidavit bl-Ingliz ta' l-attrici **Jennyvie Bartolome** pprezentat fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012. Hija saret taf lil Elena Falzon permezz tan-neputijiet taghha Juliemar Sacsac u Razel Sacsac li jghixu gewwa Messina, l-Italja. Elena Falzon kellha suppost tghin lilha u lin-neputija taghha Jocelyn Alterado, issa Edu, biex jghixu u jahdmu l-Italja.

Hija spjegat li l-konvenuta qalet lin-neputijiet illi l-atturi kellhom l-ewwel jigu Malta u hi kellha tghinhom biex imorru l-Italja. Wara li hija staqsiet lin-neputijiet taghha biex isaqsu lill-konvenuta x'karti kien hemm bzonn, huma baghtu l-karti necessarji lin-neputijiet fejn dawn tawhom lill-konvenuta permezz ta' *courrier.* Sussegwentement in-neputijiet infurmawha li l-konvenuta talbithom il-flus. Elena Falzon cemplitilha u taghtha l-indirizz fejn kellha tibghat il-flus. Dan kien l-ewwel darba li hija tkellmet mal-konvenuta. L-ammont imhallas mill-atturi kien jammonta ghal €9,434.89. Skond Elena dan l-ammont huwa parti mill-pagament biex id-dokumenti jigu processati. Hija ddikjarat li baghtet il-flus permezz ta' Western Union. Wara hija baghtet messagg lill-konvenuta biex tinfurmaha

li l-flus intbaghtu u din cemplet lura biex titlobha t-*tracking number*. Dan kollu gara fis-sena 2005.

Hija kompliet tispjega li wara li ghadda z-zmien, hija bdiet tistaqsi f’hiex waslu l-karti. L-atturi kienu ghadhom il-Filippini dan iz-zmien u kienu qeghdin jistennew risposta minghand il-konvenuta. Peress li baqghu bla risposta, Jennyvie Bartolome pruvat tikkuntatja lill-konvenuta bit-telefon cellulari izda ghalxejn ghax beda dejjem jirrizulta li ma kienetx f’pozizzjoni li tirrispondi. Hija assumiet li Elena Falzon bidlet in-numru tat-telefon cellulari. Jennyvie Bartolome baqghet f’kuntatt man-neputijiet taghha go Messina fejn lanqas dawn ma rnexxielhom jikkuntatjaw lill-konvenuta. Huma qalulha li l-konvenuta kienet qaltilhom li sa l-ahhar tas-sena 2005 l-atturi jkunu jistghu jitilqu mill-Filippini. Wara ftit taz-zmien, hija talbet l-ghajnuna tal-Gvern taghha pero’ kellhom bzonn l-informazzjoni ta’ Elena Falzon, liema informazzjoni hija ma kellhiex.

Iz-zewg atturi kienu ddizappuntati li tilfu l-opportunita’ u l-flus, specjalment ghax gew ingannati mill-konvenuta. Hija stqarret li fil-Filippini, trid iddum hafna biex tghaqqad l-ammont ta’ flus li hallsu lill-konvenuta. Hija tilfet id-dar taghha stess minhabba dejn li ghamlet biex tkun tista’ thallas lill-konvenuta. Minhabba f’hekk huma qatghu qalbhom li jitilqu mill-Filippini. Hija sostniet li kienet impossibli li titlaq mill-pajjiz minhabba l-aspett finanzjarju.

Wara hafna zmien huma regghu ppruvaw jitilqu mill-pajjiz. Fl-2009, in-neputi Juliemar Sacsac sab lil xi hadd iehor biex jghinhom halli jigu hawn Malta. Infatti hija rnexxielha tigi Malta f’Lulju ta’ l-2009 filwaqt illi n-neputija Jocelyn giet Malta fl-2011. Dan sar bl-ghajnuna ta’ xi hadd iehor.

Sadanittant Juliemar issuggeriet illi x-xhud tipprova ssib lil Elena Falzon biex tiehu l-flus lura. Hija kitbitilha ittra izda regghet giet lura ghax l-indirizz li l-konvenuta kienet taghtha fejn kellha tibghat il-flus, ma kienx tajjeb. Hija rnexxielha ssib lil Elena Falzon fis-sena 2011. Hija kkuntatjat immedjatament lill-avukat Dr Woods fejn kiteb zewg ittri lil Elena Falzon (Docs. ‘JB1’ u ‘JB2’) imma baqghet ma hallsitx il-flus lura.

Hija kkonfermat li l-flus li l-atturi hallsu lill-konvenuta kienu gew trasferiti lilha biex tghinhom jigu hawn Malta u mhux biex tibghathom lin-neputijiet kif qalet il-konvenuta. Hija tistaqsi ghalfejn kellha bzonn lill-konvenuta biex tibghat il-flus lin-neputijiet taghha l-Italja. In-neputijiet ikkonfermaw maghha li huma qatt ma rcevew flus minghand Elena Falzon.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi prezentata fl-atti nhar l-10 ta' April 2013.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata seduta stante nhar is-6 ta' Mejju 2013.

Rat dak li kien gie verbalizzat fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2013 li din il-kawza kellha tigi differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari wara is-seduta tas-6 ta' Mejju 2013, u fil-fatt f'din is-seduta l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuta in linea preliminari qed tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:

"*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*".

Illi l-atturi minn naha taghhom fl-ewwel lok jghidu li semmai ghandu japplika l-Artikolu 2154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex isostnu li l-agir tal-konvenuta kien wiehed frawdolenti. Fil-fatt l-Artikolu 2154 tal-Kap 16 jipprovdi s-segwenti:

**2154.** (1) *"Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

*(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik ilħaġa,meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien*".

Jinghad li l-atturi fin-nota taghhom iddecidew li jaghzlu l-kliem naxxenti minn dan l-artikolu minghajr ma ccitaw fedelment u dan ghaliex stqarrew li "*kull min isir pussessur ta' haga bil-mezz ta' reat ta' frodi ma jista' jippreserviha qatt ighaddi kemm ighaddi iz-zmien*." Jinghad ghalhekk li t-tifsira kif moghtija direttament fil-Kodici Civili hija differenti u dan ghaliex il-kodici jghid li l-ewwel irid jigi pruvat li l-haga gejja mir-reat tas-serq imbaghad tinsab fil-pussess ta' persuna. Ghalhekk jispetta l-ewwel lill-attur jipprova li l-flus gew misruqa sabiex instabu fil-pusess tal-konvenuta. Issa mill-provi prodotti jirrizulta bla tlaqliq li l-flus gew mibghuta lill-konvenuta mill-atturi. Li ma jaqblux il-partijiet mhux li l-konvenuta ma rcevitx il-flus, izda ir-raguni ghaliex gew mghoddija lilha. Ghaliex filwaqt li l-atturi jsostnu li l-flus gew mibghuta lill-konventua sabiex tghinhom jittraslokaw ruhhom lejn l-Italja, il-konvenuta tghid li dawn il-flejjes gew mibghuta lilha sabiex tghaddihom lil xi persuni gewwa l-Italja liema flejjes gew hekk mghoddija.

Illi l-atturi naqsu li jipprovaw li effettivament l-konvenuta kienet giet akkuzata b'xi reat kriminali. Il-Qorti tikkontendi li l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti hija limitata ghall-materja Civili u ma ghandhiex la l-kompetenza li tiddeciedi dak li l-legislatur irriserva ghall-Qorti ta' Gudikatura Kriminali u wisq anqas tiftah investigazzjoni ta' natura kriminali meta dak l-aspett semmai seta' gie mibdi fuq kwerela ta' l-istess atturi fil-hin opportun. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta fin-nota taghha qed tigi michuda.

Huwa principju assodat illi l-ezami tal-preskrizzjoni ghandu jigi nkwadrat fil-qafas ta' l-azzjoni intentata mill-atturi kif gie ritenut fis-sentenzi moghtija fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Oil & Construction International Limited**" Appell Civili 924/01, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004; '**Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr. Maria Deguara et noe'**, Citaz. Nru. 1656/01, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003; '**Peter Montebello v. Peter Montebello et'**, Citaz. Nru. 2713/99, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003.

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Gunju 1998, inghad: "*huma l-premessi ta' l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perijodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika".*

Dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Bowan noe v. Emanuel Cachia et noe**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Dicembru 1998 fejn inghad illi "*ghall-fini tad- determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv huwa applikabbli, wiehed ghandu jhares lejn in-natura ta' l-azzjoni esperita. It-termini preskrittivi invokati [bijennali u kwinkwennali] huma dawk inerenti ghall-preskrizzjonijiet estintivi ta' l-azzjoni u konsegwentement, hi dik l-azzjoni, kif arginata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet taghha, li ghandha tiddetermina liema huwa l-perijodu preskrittiv applikabbli". (*Vide Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Volum LXXXII – ii –1193*)*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-atturi fir-rikors promotur taghhom allegaw li ghaddew is-somma ta' €9,434.89 lill-konvenuta rapprezentanti flus imhallsa minnhom nhar it-23 ta' Frar 2005 versu l-prestazzjoni ta' servizz specifikat liema somma giet indebitament misapproprijata. Illi l-konvenuta tichad li hija misapproprijat dawn il-flejjes u tat spjegazzjoni tal-mandat li kellha dwar dawn il-flejjes.

Kif tajjeb osservew l-atturi fin-nota taghhom huwa principju assodat f'materja ta' preskrizzjoni li *l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss* u fil-kuntest ta' azzjoni ghad-danni huwa principju stabbilit li *t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf* (*v*ide **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, Appell Civili Nru. 2761/02, deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fid-29 ta' Jannar 2004 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005).

L-atturi jghidu li ma setghux jintavolaw l-azzjoni taghhom qabel peress li kienu gewwa l-Filippini. Dan pero' mhux ragunament ghal Qorti u dan peress li l-atturi setghu baghtu prokura fejn awtorizzaw lil mandanti taghhom jidher ghan-nom taghhom. Illi ghalhekk din il-Qorti ser tqis li l-atturi riedu u xtaqu jinizjaw proceduri fil-konfront tal-konvenuta fil-jum meta effettivament ghazlu li jinizjawhom u cioe' nhar it-23 ta' Settembru 2011 u dan sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma imsemmija fir-rikors promotur liema somma giet moghtija lill-konvenuta nhar it-23 ta' Frar 2005.

Illi l-konvenuta eccepiet l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa m'hemmx dubbju li bejn il-perijodu li l-atturi halsu l-flus lill-konvenuta u z-zmien meta fittxew lill-istess konvenuta sabiex thallashom lura l-flus tramite l-prezentata tar-rikors opportun ghaddew aktar minn hames snin. L-ittri interpellatorji li gew ipprezentati kontra l-konvenuta ma jghoddux sabiex jinterrompu l-preskrizzjoni.

**Ghalhekk, din il-Qorti qieghda takkolji l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza filwaqt li**

**tiddikjara l-azzjoni odjerna bhala wahda preskritta skond il-ligi.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------